IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2018
COM(2018) 271 final

2018/0127 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal ta' Kwalità Għolja

{SWD(2018) 173 final}

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Is-snin bikrija fil-ħajja tal-bniedem[1] huma l-aktar formattivi għall-iżvilupp tal-kompetenzi fundamentali u d-dispożizzjonijiet tat-tagħlim li jinfluwenzaw bil-bosta l-prospetti tal-edukazzjoni u tax-xogħol aktar tard u kisbiet u sodisfazzjon tal-ħajja usa'.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[2] jiddikjara li t-tfal għandu jkollhom id-dritt għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli ta' kwalità tajba. Ikompli billi jgħid li t-tfal minn ambjenti żvantaġġati għandu jkollhom id-dritt għal miżuri speċifiċi biex isaħħu l-opportunitajiet indaqs.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar it-Tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-edukazzjoni u l-kultura[3], il-Kummissjoni tiddeskrivi l-viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li fiha edukazzjoni inklużiva, taħriġ u riċerka ta' kwalità għolja mhumiex ostakolati mill-fruntieri u n-nies jistgħu jibbenefikaw mill-offerta edukattiva rikka fl-Unjoni. L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja[4] hija parti minn din il-viżjoni billi tistabbilixxi l-pedament għal aktar tagħlim[5] u formazzjoni ta' identità u ċittadinanza.

Is-servizzi ta' kwalità għolja għandhom rwol deċiżiv fit-titjib tal-eżiti tal-edukazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali. Ir-riċerka tindika li l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja twassal għal kisba ta' ħiliet bażiċi ogħla u hija miżura ta' prevenzjoni b'saħħitha kontra t-tluq bikri mill-iskola[6]. PISA, il-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti, juri wkoll li l-istudenti li attendew l-edukazzjoni ta' qabel il-primarja għal aktar minn sena kisbu punteġġi ogħla fil-matematika fl-età ta' 15-il sena. L-istudenti li ma attendewx l-edukazzjoni ta' qabel il-primarja kellhom possibbiltà ta' tliet darbiet aktar li jaqgħu lura mqabbla ma' dawk li attendewha għal aktar minn sena[7].

L-edukazzjoni u l-kura bikrija inklużivi tat-tfal jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanza u l-esklużjoni soċjali. Mingħajr edukazzjoni bikrija ta' kwalità għolja, id-differenza fl-iżvilupp u l-kompetenzi tiżviluppa kmieni bejn it-tfal bi sfondi soċjoekonomiċi differenti[8], għalhekk, jissaħħaħ iċ-ċiklu ta' trażmissjoni interġenerazzjonali

---

[1] "Snin bikrija" fil-kuntest ta' din ir-Rakkomandazzjoni jirreferu għall-ewwel sitt snin tal-ħajja.

[2] Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2017), Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13129-2017-INIT/mt/pdf

[3] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2017), Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura - Il-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, 17 ta' Novembru 2017, COM(2017) 673 final.

[4] L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tirreferi għal kwalunkwe arranġament regolat li jipprovdi edukazzjoni u kura għat-tfal mit-twelid sal-età tal-iskola primarja obbligatorja - irrispettivament mill-post, il-finanzjament, il-ħinijiet tal-ftuħ jew il-kontenut tal-programm - u tinkludi ċentri soċjali u għall-familji ta' matul il-jum; provvediment iffinanzjat privatament u pubblikament; provvediment ta' qabel l-iskola u ta' qabel il-primarja.

[5] Stringher, C. (2016), Assessment of learning to learn in early childhood: an Italian framework. Italian Journal of Sociology of Education, 1/2016.

[6] Il-Kummissjoni Ewropea (2014), Studju dwar l-użu effettiv tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/7548dd37-c626-4e2d-bd70-625edf707adc/language-en.

[7] OECD (2016), Low-performing students: why they fall behind and how to help them succeed https://www.mecd.gob.es/dctm/inee/internacional/low-performers-ebook-final.pdf?documentId=0901e72b82011e68.

[8] L-aħħar riċerka tista' turi dan minn kmieni sa 12-il xahar: Hurt H. and Betancourt M. (2017), Turning 1 Year of Age in a Low Socioeconomic Environment: A Portrait of Disadvantage, Journal of Developmental & Behavioral Pediatrics: Volum 38 - Ħarġa 7 - paġni 493 sa 500.

ta' żvantaġġ. L-esperjenzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal huma opportunità biex jiġi evitat u mnaqqas l-iżvantaġġ għal tfal minn komunitajiet żvantaġġati Rom u dawk bi sfond ta' migrazzjoni. L-evidenza tar-riċerka turi li fost it-tfal minn sfond ta' migrazzjoni paragunabbli, dawk li attendew edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal fil-pajjiż ospitanti tagħhom imorru aħjar fil-qari[9]. Barra minn hekk, is-servizzi tal-kura u l-edukazzjoni bikrij tat-tfal ta' kwalità għolja għandhom impatti pożittivi fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ġenituri u benefiċċji ċari biex tinkiseb aktar ugwaljanza bejn is-sessi.

L-għan ta' din il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill huwa li tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kwalità u l-aċċess għas-sistemi tagħhom ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, filwaqt li tirrikonoxxi li l-Istati Membri huma primarjament responsabbli f'dan il-qasam. Trid tistabbilixxi fehim komuni maqsum Ewropew dwar x'jikkostitwixxi kwalità fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Tippreżenta għodda u eżempji ta' politika biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-ambizzjonijiet tagħhom biex jiżguraw sistemi u servizzi inklużżivi ta' kwalità għolja. Evalwazzjoni riċenti tal-politika[10] tindika li pajjiżi b'approċċ strateġiku għall-kwalità jimxu 'l quddiem aktar minn oħrajn fl-iżvilupp u t-titjib fil-provvediment tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Madankollu, ftit Stati Membri biss għandhom Qafas ta' Kwalità jew dokument ta' politika ekwivalenti fis-seħħ biex jirregolaw il-provvediment. Huwa għalhekk li din il-proposta tippreżenta elementi ewlenin ta' qafas ta' kwalità fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal li jistgħu jispiraw lill-Istati Membri fil-ħsieb strateġiku tagħhom dwar dawn is-servizzi.

F'ħafna mill-pajjiżi tal-UE la l-kwalità u lanqas in-numru ta' postijiet ma jissodisfaw l-aspettattivi. Bħalissa, hemm aktar minn 32 miljun tifel u tifla taħt l-età ta' edukazzjoni obbligatorja fl-UE, imma madwar 15-il miljun minnhom biss jattendu edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal [11]. Filwaqt li hija l-għażla tal-ġenituri jużawx is-servizzi jew le, id-domanda għal postijiet madwar l-Ewropa hija ogħla mill-provvista.

Il-punt ta' riferiment Ewropew stabbilit fil-kuntest tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ[12] iddefinixxa li mill-inqas 95% tat-tfal bejn erba' snin u l-età li fiha jibdew l-edukazzjoni primarja obbligatorja jeħtieġu jipparteċipaw fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal. Dan il-punt ta' riferiment kważi ntlaħaq[13]. Il-mira miftiehma fil-Kunsill Ewropew f'Barċellona fl-2002 (bil-għan li tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol) speċifikat li 33% tat-tfal taħt it-tliet snin u 90% tat-tfal bejn it-tliet snin u l-età obbligatorja tal-iskola għandu jkollhom aċċess għas-servizzi. Valutazzjoni ta' dawn il-miri qed tiġi ppreżentata b'mod parallel ma' din il-proposta[14].

---

9 L-OECD u l-Unjoni Ewropea (2015), Indicators of Immigrant Integration 2015, Settling In, http://www.oecd.org/els/mig/Indicators-of-Immigrant-Integration-2015.pdf.

10 Lazzari A. et al. (2017), The current state of national ECEC quality frameworks, or equivalent strategic policy documents, governing ECEC quality in EU Member States, NESET II report, http://nesetweb.eu/en/library/the-current-state-of-national-ecec-quality-frameworks-or-equivalent-strategic-policy-documents-governing-ecec-quality-in-eu-member-states/.

11 Iċ-Ċentru Ewropew ta' Strateġija Politika (2017), 10 Trends Transforming the Education as We Know It. https://ec.europa.eu/epsc/publications/other-publications/10-trends-transforming-education-we-know-it_en .

12 Il-Kummissjoni Ewropea/ EUROSTAT, Your key data to European statistics - European benchmarks, http://ec.europa.eu/eurostat/web/education-and-training/eu-benchmarks.

13 Skont l-aħħar European and Training Monitor tal-2017, 94.8% tat-tfal bejn l-età ta' erba' snin u l-età biex jibdew l-ISCED 1 jipparteċipaw fl-edukazzjoni, http://ec.europa.eu/education/sites/education/files/monitor2017_en.pdf

14 Rapport mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-objettivi ta' Barċellona"),

Il-kwalità tal-provvediment spiss hija insuffiċjenti u tvarja ħafna fi ħdan u bejn il-pajjiżi, bejn is-setturi privati u pubbliċi, bejn żoni urbani u rurali jew remoti, kif ukoll bejn gruppi ta' etajiet (0-3 u 3-6)[15].

Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' postijiet disponibbli u affordabbli u l-kwalità baxxa tas-servizzi huma estensivi[16]. Disponibbiltà limitata u /jew affordabbiltà ta' servizzi ta' kwalità għolja hija partikolarment ta' sfida għal tfal li diġà qed jibdew il-ħajja fi żvantaġġ minħabba firxa ta' fatturi bħall-faqar, id-diżabilità, id-diskriminazzjoni jew li joriġinaw minn sfond ta' Rom jew sfond ta' migrazzjoni. Fl-Ewropa tal-lum, tfal li qed jikbru fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali xorta huwa inqas probabbli li jmorru tajjeb l-iskola mill-pari iktar għonja tagħhom, igawdu saħħa tajba u jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja[17].

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-ħtieġa li jitjiebu l-kwalità u l-aċċess għas-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal kienet enfasizzata ħafna fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-iskola u tagħlim eċċellenti[18] u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill relatati dwar l-iżvilupp tal-iskola u t-tagħlim eċċellenti[19].

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ[20] enfasizzat l-importanza li jiġi pprovdut aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja u inklużiva; biex tiġi żgurata l-affordabbiltà tagħha u l-adattament tal-provvediment għall-ħtiġijiet tal-familji, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tat-tfal żvantaġġjati.

F'Jannar 2018 il-Kummissjoni adottat proposta għal Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja[21] li tirreferi għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-importanza li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-kompetenza fl-edukazzjoni fis-snin bikrija b'fokus fuq il-kompetenzi soċjali u emozzjonali.

Il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-

---

COM(2018) 273 final; http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2018/EN/COM-2018-273-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF

15 Lazzari, A .; Vandenbroeck, M. (2013), Accessibility of ECEC for children from ethnic minority and low-income families https://www.researchgate.net/publication/236347188_Accessibility_of_Early_Childhood_Education_and_Care_ECEC_for_children_from_ethnic_minority_and_low--income_families; Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (2017) Taking stock of the 2013 Recommendation on Investing in children: breaking the cycle of disadvantage, COM (2017)258.

16 Vandenbroeck M. et al. (2018), Benefits of early childhood education and care and the conditions for obtaining them, EENNEE Report, https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/14194adc-fc04-11e7-b8f5-01aa75ed71a1/language-en ; ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea (2016) Employment and Social Developments in Europe 2015.

17 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (2013), L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ (2013/112/UE) ĠU L 59, 2.3.2013.

18 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2017), L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja, COM(2017)248.

19 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti, 2017/C 421/03.

20 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20.02.2013, Ninvestu fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ (2013/112/UE) ĠU L 59, 2.3.2013.

21 Il-Kummissjoni Ewropea (2018), Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, COM(2018)24.

tagħlim[22]. Din il-proposta tenfasizza l-importanza li tiġi pprovduta edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha minn età żgħira 'l quddiem.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija relatata b'mod qawwi mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[23] li identifika, skont il-prinċipju 11 id-dritt tat-tfal għall-provvediment ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità tajba.

Id-disponibilità, l-aċċessibilità u l-affordabilità ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja huma wkoll fatturi ewlenin li jippermettu lill-ġenituri jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol. Rapport dwar il-miri miftiehma mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona fl-2002, ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea, jivvaluta l-progress li sar fl-Istati Membri[24].

Il-Komunikazzjoni dwar il-Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata[25] rrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġu pprovduti servizzi ta' indukrar formali ta' kwalità tajba madwar l-Ewropa sabiex jitneħħew l-ostakli għall-impjieg, speċjalment għan-nisa. Għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika indaqs tan-nisa u l-irġiel, prijorità stabbilita fl-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Kummissjoni 2016-2019[26]. L-inizjattiva għalhekk tikkontribwixxi għall-objettivi bbażati fuq it-Trattat[27] tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol, u l-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg fl-Unjoni.

Il-qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom[28] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri[29] talbet lill-Istati Membri biex iwessgħu l-aċċess għal, u jżidu l-kwalità tal-edukazzjoni bikrija u l-kura tat-tfal, inkluż permezz ta' appoġġ immirat lejn it-tfal Rom.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[30] u l-Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni[31] irrikonoxxew li l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huma fundamentali għall-integrazzjoni ta' familji u tfal minn pajjiżi terzi. L-inizjattiva tikkontribwixxi biex jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni ta' bniet u subien ċittadini ta' pajjiż terz fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jingħataw iċ-ċans li jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tat-tfal migranti.

---

22 Il-Kummissjoni Ewropea (2018), Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim. COM (2018)23 final.

23 Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2017), Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13129-2017-INIT/mt/pdf

24 Rapport mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-objettivi ta' Barċellona"), COM(2018) 273 final; http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2018/EN/COM-2018-273-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF.

25 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2017), Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu, COM(2017)252 final.

26 Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019, https://ec.europa.eu/anti-trafficking/eu-policy/strategic-engagement-gender-equality-2016-2019_en

27 L-Artikolu 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

28 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2011) dwar Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom, COM(2011)173.

29 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad- 9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri, https://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/lsa/139979.pdf.

30 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2016), Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, COM(2016)377 final.

31 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2017), Il-Protezzjoni tat-tfal migranti, COM(2017)211 final.

Il-proċess tas-Semestru Ewropew ta' prominenza lill-kwistjoni tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u diversi Stati Membri rċevew rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-indukrar tat-tfal u l-edukazzjoni inklużiva. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jenfasizzaw l-importanza ta’ aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta’ kwalità u affordabbli. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2018 jirreferi għall-importanza tiegħu mill-perspettivi ta’ opportunitajiet indaqs, ta' inklużjoni soċjali u politiki ta’ bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg tal-2018 jirreferi wkoll għall-progress tal-Istati Membri f’dan il-qasam, li jimmonitorja b’mod partikolari aċċess għal edukazzjoni u kura ta’ tfal żgħar taħt it-3 snin bħala parti mit-Tabella ta’ Valutazzjoni tal-Pilastru Soċjali[32]. Għandha tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, b’mod partikolari permezz ta’ aċċess għall-indukrar fit-tul u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta’ kwalità għolja u affordabbli.

Fl-aħħarnett, il-Fondi Strutturali u ta’ Investiment tal-UE wkoll għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ ta’ investimenti f’infrastruttura u servizzi aċċessibbli, affordabbli u ta’ kwalità.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-inizjattiva hija konformi mal-Artikoli 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 165(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jgħid li “L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta’ edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxikoperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiettagħhom, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà ta’ l-Istati Membri għal dak li hu kontenutta’ tagħlim u l-organizzazzjoni ta’ sistemi ta’ edukazzjoni u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom.”

L-inizjattiva ma tipproponi l-ebda estensjoni tal-poter regolatorju tal-UE jew impenji vinkolanti fuq l-Istati Membri. L-Istati Membri jridu jiddeċiedu, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, kif jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

• Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Il-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tħeġġeġ aktar lill-Istati Membri biex jikkooperaw fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal[33], sabiex taġġorna r-riżultati importanti li diġà nkisbu, inkluża speċjalment il-proposta ta’ esperti tal-2014 għal Qafas ta’ Kwalità dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal[34].

Il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE jinsab fil-kapaċità tal-UE li:

- Tikkapitalizza fuq l-għarfien u l-kompetenza fi ħdan l-Unjoni u tkompli l-kooperazzjoni fuq il-bażi tal-qafas ta’ kwalità propost bħala għodda ta’ referenza komuni.
- Tappoġġa aktar lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jirriformaw il-provvediment tagħhom.

---

32 Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali. Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Istati Membri tal-UE taħt il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-scoreboard-2018-country-reports_en.pdf

33 Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020), *Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ*, 2015/C 417/04.

34 Grupp Tematiku ta’ Ħidma dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (2014), Proposta għal prinċipji ewlenin ta’ Qafas ta’ Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfalhttp://ec.europa.eu/assets/eac/education/policy/strategic-framework/archive/documents/ecec-quality-framework_en.pdf.

- Tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri billi tipprovdi għodod Ewropej, bħal ġabra ta' stqarrijiet dwar il-kwalità.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tipprevedi rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-ħames dimensjonijiet tal-Qafas ta' Kwalità flimkien ma' għażliet għal tweġibiet ta' politika għall-isfidi ewlenin fis-settur. Dan jippermetti lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-kuntest speċifiku tagħhom. Kull Stat Membru jiddeċiedi dwar l-approċċ li jieħu biex jaħdem għal titjib fis-sistemi rispettivi tagħhom.

- **L-għażla tal-istrument**

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija strument xieraq fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fejn l-UE għandha kompetenza ta' appoġġ u hija strument li spiss ġie użat għal azzjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Bħala strument legali, din turi l-impenn tal-Istati Membri għall-miżuri fit-test u tipprovdi bażi politika aktar b'saħħitha għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

F'Diċembru 2016, 250 espert, dawk li jfasslu l-politika u prattikanti attendew il-konferenza "A Great start in life! The best possible education in the early years". Il-konklużjonijiet mill-konferenza[35] ġew ikkunsidrati kif xieraq għall-preparazzjoni ta' din il-proposta. Barra minn hekk, is-sejbiet rilevanti matul il-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-inizjattiva dwar il-Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata[36] u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[37] ġew ikkunsidrati.

Wara serje ta' konsultazzjonijiet preċedenti relatati ma' proposti għal prinċipji ewlenin ta' Qafas ta' Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura tat-Tfulija Bikrija[38], il-Kummissjoni organizzat laqgħa ta' konsultazzjoni mmirata mal-partijiet interessati fil-31 ta' Jannar 2018. Il-parteċipanti kienu jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll rappreżentanti mill-Istati Membri, li tkopri l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, il-protezzjoni tat-tfal u d-drittijiet tat-tfal, assoċjazzjonijiet

---

[35] Il-Kummissjoni Ewropea (2016), Great Start in Life. Rapport tal-Konferenza, https://ec.europa.eu/education/sites/education/files/great-start-life-report_en.pdf

[36] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar azzjoni possibbli li tindirizza l-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1311&langId=en&moreDocuments=yes.

[37] Konsultazzjoni pubblika dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=699&consultId=22&visib=0&furtherConsult=yes.

[38] Pereżempju: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri tas-Servizz għal Persuni b'Diżabilità (2016), Dikjarazzjoni dwar Intervent fit-Tfulija Bikrija, http://www.easpd.eu/sites/default/files/sites/default/files/Policy/Education/easpd_statement_on_early_childhood_intervention.pdf, L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri (2015) L-aħjar interess tat-tfal: Karta ta' Pożizzjoni dwar l-Edukazzjoni u l-Ħtiġijiet u l-Provvediment tal-Kura Bikrija tat-Tfal mill-Perspettiva tal-Ġenituri.

tal-ġenituri u l-familji, netwerks dwar l-inugwaljanzi soċjali, aġenziji tal-edukazzjoni speċjali u b'diżabbiltajiet u l-unions tal-għalliema. Il-laqgħa tal-partijiet ikkonċernati kkonfermat u laqgħet l-approċċ ġenerali u pprovdiet aktar għarfien dwar l-isfidi attwali u s-soluzzjonijiet possibbli fis-settur.

- Il-partijiet interessati enfasizzaw il-ħtieġa għall-inklużjoni soċjali u għal gruppi speċifiċi ta' tfal (jew familji) biex jiġu speċifikati sabiex jiġi żgurat li ma jitwarrbux. Huma fakkru dwar l-importanza li tiġi pprovduta kwalità konsistenti kullimkien inkluż f'żoni rurali u biex wieħed jiffoka fuq il-ħtiġijiet tat-tfal, u jiġu inklużi objettivi u għanijiet xierqa għall-età kif ukoll biex tingħata enfasi akbar lit-tagħlim ibbażat fuq il-logħob;
- Il-partijiet interessati enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jirrikonoxxu li l-Qafas ta' Kwalità mhux biss huwa maħsub biex jistabbilixxi standards minimi, u li l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tipprovdi appoġġ fil-livell tal-Istat Membru jew tas-sistema u għandha tippermetti l-flessibbiltà biex tħalli lil pajjiżi differenti biex jirrevedu l-approċċ tal-kwalità tagħhom stess.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Matul dawn l-aħħar sentejn, il-Kummissjoni ħadmet ma' esperti ewlenin madwar l-UE biex tiddefinixxi l-fatturi ta' kwalità[39]u tiżviluppa għodod tal-awtovalutazzjoni. Sorsi ewlenin oħra huma deskritti hawn taħt:

(1) Id-dejta dwar l-aċċess, il-parteċipazzjoni u l-kwalità se tkun inkluża minn Eurydice (2016) Id-Dejta Ewlenija dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal u l-Monitoraġġ tal-edukazzjoni u t-taħriġ (2017) u tal-OECD (2017) Nibdew b'saħħitna V: Indikaturi ewlenin dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

(2) CARE (2016), Analiżi tal-Kwalità tal-Kurrikulu u Reviżjoni tal-Impatt tal-edukazzjoni u l-kura bikrija Ewropea tat-tfal, Rakkomandazzjonijiet tal-Politika dwar il-kwalità. Dan il-proġett multidixxiplinari ta' riċerka Ewropew ipprovda konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar il-kurrikulu, il-kwalità, il-benessri, l-impatt, l-aċċess, il-finanzjament u l-governanza, u r-rwol tal-professjonisti.

(3) EENEE (2017) Benefiċċji tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jinkisbu. Dan ir-rapport jipproponi tipi differenti ta' determinanti li jistgħu jinfluwenzaw jekk dawn il-benefiċċji potenzjali jistgħux jimmaterjalizzaw.

(4) NESET (2017) Stat attwali ta' oqfsa nazzjonali ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, jew dokumenti ta' politika strateġika ekwivalenti, li jirregolaw il-kwalità fl-Istati Membri tal-UE.

(5) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Implimentazzjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni dwar l-Investiment fit-Tfal[40], ippubblikat flimkien mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

---

[39] Il-Kummissjoni Ewropea (2018), Monitoraġġ tal-Kwalità tal-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal - Nikkomplementaw il-Qafas ta' Kwalità ECEC tal-2014 tal-UE b'indikaturi, https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/825252b4-3ec6-11e8-b5fe-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-69837044.

Barra minn hekk, il-Pjattaforma Ewropea għall-Investiment fit-Tfal (EPIC) toffri prattiki tajba bbażati fuq l-evidenza għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar li Ninvestu fit-Tfal u profili aġġornati tal-pajjiżi dwar il-politiki tat-tfal u tal-familja fl-UE.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-approċċ kumplimentari tal-attivitajiet għall-inizjattivi tal-Istati Membri, in-natura volontarja tal-attivitajiet proposti u l-kamp ta' applikazzjoni tal-impatti mistennija, ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt. Pjuttost, l-iżvilupp tal-proposta kien infurmat minn studji preċedenti, konsultazzjoni tal-Istati Membri u konsultazzjoni mal-partijiet interessati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt tal-edukazzjoni, ir-rispett għad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika u n-nondiskriminazzjoni. B’mod partikolari, ir-Rakkomandazzjoni tippromwovi d-drittijiet tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 24 u tqis il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal b’mod partikolari l-Artikolu 29.1.c li jispeċifika li l-edukazzjoni tat-tfal għandha tkun diretta lejn l-iżvilupp ta’ rispett għall-ġenituri tat-tfal, l-identità kulturali tiegħu jew tagħha stess, il-lingwa u l-valuri, għall-valuri nazzjonali tal-pajjiż li jgħix fih il-minuri, il-pajjiż minn fejn jista' jew tista' joriġina jew toriġina u għaċ-ċiviltajiet differenti minn tiegħu jew tagħha[41]. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata f’konformità ma’ dawn id-drittijiet u prinċipji.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-azzjonijiet proposti f'din ir-Rakkomandazzjoni li jkollhom implikazzjonijiet baġitarji se jkunu appoġġjati fi ħdan ir-riżorsi eżistenti tal-Programm Erasmus+, kif ukoll possibilment, Orizzont 2020 jew Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej sakemm id-dispożizzjonijiet tal-atti bażiċi rilevanti jipprevedu dan l-appoġġ. Barra minn hekk, din l-inizjattiva m’għandhiex tippreġudika n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u l-programmi futuri.

L-ebda baġit jew riżorsi tal-persunal addizzjonali ma jkunu meħtieġa mill-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti ta’ monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

Il-progress se jiġi segwit permezz ta’ laqgħat tal-Grupp ta’ Ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 li għadu kemm ġie ffurmat għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal, li se jipprovdi forum għal tagħlim reċiproku u skambju ta’ prattika tajba.

Is-Semestru Ewropew se jibqa’ strument essenzjali biex jimmonitorja l-provvediment ta’ servizzi ta’ edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta’ kwalità, anki fir-rigward tal-mira ta’

[40] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (2017) Taking stock of the 2013 Recommendation on Investing in children: breaking the cycle of disadvantage, COM (2017)258; ara wkoll: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20.02.2013, Ninvestu fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ (2013/112/UE) ĠU L 59, 2.3.2013.

[41] NU (1989), Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata fl-20.11.1989.

Barċellona[42], u se jipprovdi aktar gwida lill-Istati Membri, inkluż bl-użu ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fejn ikun xieraq.

Punt ta' riferiment ġdid possibbli dwar il-provvediment ta' servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal se jkun suġġett għal diskussjoni ulterjuri mal-Istati Membri. Dan jista' jinkludi reviżjoni possibbli tal-mira ta' Barċellona għall-provvediment ta' kura tat-tfal formali, il-possibbiltà ta' punti ta' riferiment fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, kif ukoll reviżjoni tal-punt ta' riferiment definit fil-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (Edukazzjoni u Taħriġ 2020)[43].

Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni f'konformità mal-modalitajiet tar-rappurtar tal-Qafas Strateġiku ta' kooperazzjoni fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Dispożizzjonijiet tal-Istati Membri

Il-proposta tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu l-aċċess għal u l-kwalità tas-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Il-proposta tressaq 'il quddiem il-Qafas tal-UE dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfulija tal-UE fl-Anness tagħha.

Il-proposta tistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi ewlenin tas-setturi tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal tagħhom u tinkludi għażliet ta' politika li għandhom l-għan li:

- jiġi żgurat li s-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal jkunu aċċessibbli, affordabbli u inklużivi;
- tiġi appoġġata l-professjonalizzazzjoni tal-persunal skont il-livelli eżistenti ta' kwalifiki professjonali u l-kondizzjonijiet tax-xogħol;
- jitjieb l-iżvilupp tal-kurrikuli tal-ewwel snin sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-bżonnijiet tal-benessri u edukattivi tat-tfal;
- jiġu promossi l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni trasparenti tas-servizzi fil-livelli kollha ta' governanza;
- jiġi żgurat il-finanzjament adegwat u qafas legali għall-provvediment ta' servizzi, inkluż il-ħolqien u ż-żamma ta' Oqfsa ta' Kwalità ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal nazzjonali jew reġjonali mfassla apposta.

Dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni

Ir-Rakkomandazzjoni tipproponi li tilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li:

- Tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin fost l-Istati Membri fil-kuntest tal-Qafas Strateġiku ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ (Edukazzjoni u Taħriġ - ET2020);

[42] Konklużjonijiet tal-Presidenza, Kunsill Ewropew ta' Barċellona, 15-16 ta' Marzu 2002, SN 100/1/02 REV 1, http://ec.europa.eu/invest-in-research/pdf/download_en/barcelona_european_council.pdf.

[43] Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) *Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ*, 2015/C 417/04.

- Tagħmel disponibbli finanzjament tal-Unjoni Ewropea għall-appoġġ ta' titjib fid-disponibilità u l-kwalità tas-servizzi, b'mod partikolari permezz tal-programm Erasmus+ u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;
- Wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, tipproponi li tirrevedi l-punt ta' riferiment ta' Edukazzjoni u Taħriġ 2000, il-miri ta' Barċellona, kif ukoll punti ta' riferiment possibbli tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-implimentazzjoni tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali.

2018/0127 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal ta' Kwalità Għolja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 165 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[44]jiddikjara bħala l-11-il[th] prinċipju tiegħu li t-tfal kollha għandhom id-dritt għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli ta' kwalità tajba. Dan huwa konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[45] li tirrikonoxxi l-edukazzjoni bħala dritt u mal-Objettiv ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti 4.2[46] li jipprevedi li l-bniet u s-subien kollha għandu jkollhom aċċess għal żvilupp, kura u edukazzjoni bikrija tat-tfal qabel l-primarja ta' kwalità sal-2030.

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura"[47] il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi l-viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li tagħraf ir-rwol tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fit-tqegħid ta' pedamenti sodi għat-tagħlim fl-iskola u matul il-ħajja. Il-Konklużjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskola u t-tagħlim eċċellenti[48] u l-proposta tal-Kummissjoni[49] għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja tenniet ir-rwol ċentrali li l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal jista' jkollhom fil-promozzjoni tat-tagħlim tat-tfal kollha, il-benessri u l-iżvilupp tagħhom.

(3) Kemm dawk li jfasslu l-politika kif ukoll ir-riċerkaturi jirrikonoxxu li huwa fis-snin bikrija[50] li t-tfal joħolqu l-pedament u l-kapaċità li jitgħallmu matul il-ħajja. It-tagħlim huwa proċess inkrementali; il-bini ta' pedament b'saħħtu fis-snin bikrija huwa prekundizzjoni għal żvilupp ta' kompetenza ta' livell ogħla u suċċess edukattiv daqs kemm huwa essenzjali għas-saħħa u l-benessri tat-tfal. Għalhekk, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għandhom jitqiesu bħala s-sisien tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jkunu parti integrali tal-kontinwità tal-edukazzjoni.

---

44 Il-Kunsill (2017), Proklamazzjoni Interistituzzjonali li tapprova l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13129-2017-INIT/mt/pdf.

45 Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, 2012 / C 326/02.

46 Objettiv ta' Żvilupp Sostenibbli 4, SDG tan-NU 4.2.

47 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2017), Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura - Il-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, 17 ta' Novembru 2017, COM(2017)673 final.

48 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti, 2017/C 421/03.

49 Il-Kummissjoni Ewropea (2018), Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, COM(2018)24.

50 Id-definizzjoni tas-snin bikrija hija mit-twelid sa, is-soltu, l-età ta' 6 snin, livell ta' edukazzjoni korrispondenti ISCED 0.

(4) Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal hija ta' benefiċċju għat-tfal kollha u speċjalment għat-tfal f'sitwazzjoni żvantaġġata. Tgħin billi tipprevjeni l-formazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet bikrin u għalhekk hija għodda essenzjali fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u l-faqar edukattiv. Il-provvediment tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal jeħtieġ li jkun parti minn pakkett integrat ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal ta' miżuri ta' politika biex itejbu r-riżultati għat-tfal u jiksru ċikli ta' żvantaġġ bejn il-ġenerazzjonijiet. It-titjib tal-provvediment għalhekk jgħin biex jitwettqu l-impenji li saru fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar li Ninvestu fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ[51] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri[52].

(5) Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għandha ħafna benefiċċji[53] kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà b'mod ġenerali, minn kisbiet edukattivi mtejba u eżiti tas-suq tax-xogħol għal inqas interventi soċjali u edukattivi u soċjetajiet aktar koeżivi u inklużivi. Tfal li attendew edukazzjoni bikrija tat-tfal għal aktar minn sena kisbu punteġġi ogħla fil-matematika ta' 15-il sena fl-istudji PISA[54]. Il-parteċipazzjoni fil-kwalità tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal intwera wkoll bħala fattur importanti biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola[55].

(6) L-edukazzjoni mill-aktar stadji bikrin għandha rwol essenzjali biex nitgħallmu ngħixu flimkien f'soċjetajiet eteroġeni. Dawn is-servizzi jistgħu jsaħħu l-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni f'diversi modi. Huma jistgħu jservu bħala postijiet ta' laqgħat għall-familji. Huma jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kompetenzi lingwistiċi tat-tfal, kemm fil-lingwa tas-servizz kif ukoll fl-ilsien nattiv. Permezz tat-tagħlim soċjali-emozzjonali, l-esperjenzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal jistgħu jippermettu lit-tfal jitgħallmu kif ikunu empatiċi kif ukoll jitgħallmu dwar id-drittijiet tagħhom, l-ugwaljanza, it-tolleranza u d-diversità.

(7) Il-gwadann fuq l-investiment fl-istadji bikrija tal-edukazzjoni huma l-ogħla mill-istadji edukattivi kollha, b'mod partikolari għal dawk f'sitwazzjoni żvantaġġata[56]. L-infiq fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huwa investiment bikri ta' gwadann għoli fil-kapital uman.

(8) Id-disponibiltà, l-aċċessibilità u l-affordabbiltà ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja huma fatturi ewlenin li jippermettu lin-nisa, kif ukoll lill-irġiel, b'responsabbiltajiet tal-indukrar biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, kif irrikonoxxut mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona 2002, il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi[57] u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Bilanċ bejn ix-

51 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20.02.2013, Ninvestu fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ (2013/112/UE) ĠU L 59, 2.3.2013

52 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad- 9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri

53 Vandenbroeck M. et al (2017), Benefits of early childhood education and care and the conditions for obtaining them, Report of the European Expert Network on Economics of Education http://www.eenee.de/eeneeHome/EENEE/Analytical-Reports.html.

54 OECD (2016), Education at a Glance, http://www.oecd.org/education/education-at-a-glance-19991487.htm.

55 Il-Kummissjoni Ewropea (2014), Studju dwar l-użu effettiv tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/7548dd37-c626-4e2d-bd70-625edf707adc/language-en.

56 Heckman, J.J. and Mosso, S. (2014), The Economics of Human Development and Social Mobility. *Annual Reviews of Economics*, 6, 689-733.

57 Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020),

Xogħol u l-Ħajja Privata adottata fis-26 ta' April 2017[58]. L-impjieg tan-nisa jikkontribwixxi b'mod dirett għat-titjib tas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika domestika u għat-tkabbir ekonomiku.

(9) L-investiment fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huwa investiment tajjeb biss jekk is-servizzi huma ta' kwalità għolja, aċċessibbli, affordabbli u inklużivi. L-evidenza turi li s-servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja biss jagħtu benefiċċji; servizzi ta' kwalità baxxa għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq it-tfal u fuq is-soċjetà kollha kemm hi[59]. Miżuri ta' politika u riformi jeħtieġu li jagħtu prijorità lill-kunsiderazzjonijiet ta' kwalità.

(10) B'mod ġenerali, l-Istati Membri jonfqu ħafna inqas fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal milli fuq l-edukazzjoni primarja. Kif muri mir-rapport li jivvaluta l-progress fuq il-miri ta' Barċellona[60], bħalissa m'hemmx postijiet biżżejjed fis-servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal disponibbli u d-domanda teċċedi l-provvista kważi fil-pajjiżi kollha. In-nuqqas ta' disponibiltà, aċċessibilità u affordabilità ntwera li huwa wieħed mill-ostakli ewlenin għall-użu ta' dawn is-servizzi[61].

(11) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar Aġenda ta' Ħiliet Ġodda għall-Ewropa[62], jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità u jwessgħu l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u jindirizzaw in-nuqqas ta' infrastruttura suffiċjenti li toffri kwalità u kura tat-tfal aċċessibbli għal-livelli kollha ta' dħul kif ukoll biex jiġi kkunsidrat li jingħata aċċess liberu għal familji li jgħixu fil-faqar u l-esklużjoni soċjali.

(12) Is-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għandhom ikunu ċċentrati fuq it-tfal; it-tfal jitgħallmu l-aħjar f'ambjenti li huma bbażati fuq il-parteċipazzjoni tat-tfal u l-interess fit-tagħlim. L-organizzazzjoni, l-għażla tal-attivitajiet u l-oġġetti għat-tagħlim spiss jiġu kkomunikati bejn l-edukaturi u t-tfal. Is-servizzi għandhom joffru ambjent sikur, ta' għożża u indukrar u jipprovdu spazju soċjali, kulturali u fiżiku b'firxa ta' possibbiltajiet għat-tfal biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom. Il-provvediment huwa mfassal l-aħjar meta jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni fundamentali li l-edukazzjoni u l-kura huma inseparabbli.

(13) F'kuntest li huwa stabbilit mir-regolamenti nazzjonali, reġjonali jew lokali, il-familji għandhom ikunu involuti fl-aspetti kollha tal-edukazzjoni u l-kura tat-tfal tagħhom. Il-familja hija l-ewwel u l-iktar post importanti għat-tfal biex jikbru u jiżviluppaw, u l-

---

http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52011XG0525(01)&from=MT

58 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2017), Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu, COM(2017)252 final.

59 Melhuish, E .; et al .; 2015 A Review of Research on the Effects of Early Childhood Education and Care on Child Development. Rapport dwar il-Proġett Care, http://ecec-care.org/ .

60 Rapport mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-objettivi ta' Barċellona"), COM(2018) 273 final; http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2018/EN/COM-2018-273-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF

61 OECD (2017), Nibdew b'Saħħitna 2017: Indikaturi ewlenin tal-OECD dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal http://dx.doi.org/10.1787/9789264276116-en; u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2013) dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013H1224(01)&from=mt ; u Eurofound (2015) Kura bikrija tat-tfal : L-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi, https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef1512en.pdf.

62 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2017 dwar aġenda ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa (2017/2002(INI)) P8_TA-PROV(2017)0360

ġenituri u t-tuturi huma responsabbli għall-benessri, is-saħħa u l-iżvilupp ta' kull tifel u tifla. L-edukazzjoni u s-servizzi tal-kura bikrija tat-tfal huma opportunità ideali biex jinħoloq approċċ integrat għaliex iwasslu għall-ewwel kuntatt personali mal-ġenituri. Ġenituri li jkollhom problemi jistgħu jiġu offruti servizzi ta' konsulenza individwali waqt żjarat fid-dar. Sabiex l-involviment tagħhom isir realtà, is-servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal għandhom jitfasslu fi sħubija mal-familji u jkunu bbażati fuq il-fiduċja u r-rispett reċiproku[63].

(14) L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-parteċipazzjoni jistgħu jkunu għodda effettiva biex tinkiseb ekwità edukattiva għal tfal f'sitwazzjoni żvantaġġata, bħal ċerta minoranza ta' migranti jew dik etnika (pereżempju r-Rom) u tfal refuġjati, tfal bi bżonnijiet speċjali jew b'diżabilitajiet, tfal f'kura alternattiva u tfal fit-toroq, tfal ta' ġenituri fil-ħabs, kif ukoll tfal fi ħdan familji b'riskju partikolari ta' faqar u esklużjoni soċjali, bħal familji b'ġenitur wieħed jew familji kbar. It-tfal tar-refuġjati, minħabba s-sitwazzjoni vulnerabbli tagħhom, jeħtieġu appoġġ msaħħaħ. Il-faqar, aġenti li jikkawżaw stress fiżiku u emozzjonali, trawmi u ħiliet lingwistiċi nieqsa jistgħu jfixklu l-prospetti edukattivi futuri tagħhom u l-integrazzjoni b'suċċess f'soċjetà ġdida. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tista' tgħin biex jitnaqqsu dawn il-fatturi ta' riskju.

(15) Il-provvediment ta' edukazzjoni u kura bikrija inklużiva tat-tfal tista' tikkontribwixxi biex jitwettqu l-impenji meħuda mill-Istati Membri fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tat-Tfal[64] u d-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità[65] li tagħha l-Istati Membri kollha huma firmatarji.

(16) Il-pubblikazzjoni tal-2014 ta' proposta għall-prinċipji ewlenin ta' Qafas ta' Kwalità[66] kienet l-ewwel dikjarazzjoni minn esperti Ewropej minn 25 pajjiż dwar il-kwalità fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Id-dikjarazzjonijiet huma bbażati fuq ħames dimensjonijiet: l-aċċess; il-forza tax-xogħol; il-kurrikulu; il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; u l-governanza u l-finanzjament. Isiru total ta' għaxar dikjarazzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kwalità tal-provvediment tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal. Dan id-dokument kien maqsum f'ħafna pajjiżi minn partijiet interessati lokali involuti f'inizjattivi favur il-politika, ir-riċerka u t-taħriġ. F'dawn il-pajjiżi, l-abbozz ta' qafas aġixxa bħala katalist qawwi għall-bidla permezz ta' kontribuzzjoni għall-proċessi ta' konsultazzjoni ta' politika li sostnew mogħdijiet ta' riforma eżistenti.

(17) Il-ħames dimensjonijiet kollha tal-qafas ta' kwalità huma essenzjali biex jiggarantixxu servizzi ta' kwalità għolja. Speċjalment, ix-xogħol ta' professjonisti fl-edukazzjoni u l-

63 Id-dokument ta' politika (2008) *Children in Europe*, Young children and their services: developing a European approach, http://www.edizionijunior.com/public/INSERTI/CiE%20Policy%20Paper_april%202008_INGLESE.pdf.

64 Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal(1989), http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/CRC.aspx.

65 Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (2006), Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

66 Grupp Tematiku ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (2014), Proposta għal prinċipji ewlenin ta' Qafas ta' Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal, rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni Ewropea, http://ec.europa.eu/assets/eac/education/policy/strategic-framework/archive/documents/ecec-quality-framework_en.pdf.

kura bikrija tat-tfal għandu impatt dejjiemi fuq il-ħajja tat-tfal. Madankollu, f’ħafna pajjiżi l-professjoni għandha profil u status pjuttost baxx[67].

(18) Biex iwettaw ir-rwol professjonali tiegħu fl-appoġġ tat-tfal u l-familji tagħhom, il-persunal tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal jeħtieġ ħiliet kumplessi ta’ għarfien u kompetenzi kif ukoll għarfien profond tal-iżvilupp tat-tfal. Il-professjonalizzazzjoni tal-persunal hija kruċjali għaliex livelli ogħla ta’ tħejjija jikkorrispondu pożittivament ma’ servizz ta’ kwalità aħjar, interazzjonijiet tal-persunal mat-tfal ta’ kwalità ogħla u għalhekk eżiti ta’ żvilupp aħjar għat-tfal[68].

(19) Bosta fornituri tas-servizz jaħdmu ma’ assistenti li r-rwol ewlieni tagħhom huwa li jappoġġaw lill-edukaturi, li jaħdmu direttament mat-tfal u l-familji. Normalment ikollhom kwalifika aktar baxxa minn edukaturi u f’ħafna pajjiżi m’hemm l-ebda rekwiżit ta’ kwalifika biex isiru assistenti. Għalhekk, il-professjonalizzazzjoni tal-persunal, inklużi l-assistenti, huwa meħtieġ[69]. L-iżvilupp professjonali kontinwu huwa parti integrali għaż-żieda tal-kompetenzi tal-assistenti.

(20) Qafas ta’ kwalità jew dokument ekwivalenti jista’ jkun element effiċjenti ta’ governanza tajba fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Skont opinjoni esperta u reviżjoni riċenti tal-politika[70], il-pajjiżi li jiżviluppaw u jimplimentaw oqfsa ta’ kwalità għandhom approċċi aktar komprensivi u konsistenti għar-riformi.

(21) L-Istati Membri stabbilixxew punti ta’ riferiment u miri dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Fl-2002, il-Kunsill Ewropew f’Barċellona ffissa miri[71] għall-provvediment ta’ kura tat-tfal formali biex ikunu mill-inqas 90% tat-tfal fl-Unjoni bejn l-età ta’ tliet snin u l-età obbligatorja tal-iskola, u li mill-inqas 33% tat-tfal taħt it-tliet snin għandu jkollhom aċċess sal-2010. Dawn il-miri ġew sostnuti mill-ġdid fil-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2011-2020. L-analiżi dwar il-progress lejn dawn il-punti ta’ riferiment hija speċifikata fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Objettivi ta’ Barċellona[72]. Il-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ[73] stabbilixxa punt ta’ riferiment ta’ parteċipazzjoni ta’ 95% għat-tfal bejn erba’ snin u l-bidu tal-edukazzjoni primarja.

(22) L-Istati Membri għamlu progress ġenerali tajjeb fis-snin riċenti fit-titjib tad-disponibilità ta’ servizzi ta’ edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal. Il-punt ta’ riferiment

---

67 Eurofound (2015), Kura Bikrija tat-Tfal: kondizzjonijiet tax-xogħol, taħriġ u kwalità - Reviżjoni sistematika https://www.eurofound.europa.eu/de/publications/report/2015/working-conditions-social-policies/early-childhood-care-working-conditions-training-and-quality-of-services-a-systematic-review.

68 Il-Kummissjoni Ewropea (2011), CoRe: Rekwiżiti ta' Kompetenza fl-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal, https://download.ei-ie.org/Docs/WebDepot/CoReResearchDocuments2011.pdf.

69 Peeters, J.; Sharmahd, J.; Budginaitė I. (2016), Professionalisation of Childcare Assistants in Early Childhood Education and Care (ECEC): Pathways towards Qualification’, rapport NESET II, http://www.earlychildhoodworkforce.org/node/228.

70 Lazzari A. (2017), The current state of national ECEC quality frameworks, or equivalent strategic policy documents, governing ECEC quality in EU Member States, NESET II report.

71 Il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta’ Barċellona, 15-16 ta’ Marzu 2002, SN 100/1/02 REV 1. http://ec.europa.eu/invest-in-research/pdf/download_en/barcelona_european_council.pdf

72 Rapport mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-objettivi ta' Barċellona"), COM(2018) 273 final; http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2018/EN/COM-2018-273-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF

73 Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) *Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ*, 2015/C 417/04.

tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 u l-mira ta' Barċellona għal tfal taħt it-3 snin intlaħqu. Il-mira ta' Barċellona għat-tfal mill-età ta' 3 snin sal-età obbligatorja tal-iskola għadha ma ntlaħqitx minkejja l-progress li sar mill-2011. Fl-2016, 86.3% tat-tfal f'dak il-grupp ta' età pparteċipaw fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Madankollu, dawn il-medji jaħbu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-gruppi soċjali[74]. Jenħtieġu aktar sforzi biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jkollhom aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja sa minn kemm iriduha kmieni l-ġenituri. B'mod partikolari, huma meħtieġa miżuri speċifiċi biex jinħoloq aċċess akbar għat-tfal f'sitwazzjoni żvantaġġata[75].

(23) Din ir-Rakkomandazzjoni tfittex li tistabbilixxi fehim kondiviż ta' dak li tfisser il-kwalità fis-sistema tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Tistabbilixxi azzjonijiet possibbli biex jikkunsidrawhom il-gvernijiet skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom. Din ir-Rakkomandazzjoni tindirizza wkoll lill-ġenituri, lill-istituzzjonijiet u lill-organizzazzjonijiet, inklużi msieħba soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jixtiequ li jtejbu s-settur.

(24) L-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal kif mifhuma f'din ir-Rakkomandazzjoni[76] jeħtieġ li tinftiehem li tirreferi għal kwalunkwe arranġament regolat li jipprovdi edukazzjoni u kura għat-tfal mit-twelid sal-età tal-iskola primarja obbligatorja - irrispettivament mill-post, il-finanzjament, il-ħinijiet tal-ftuħ jew il-kontenut tal-programm - u jinkludi ċentri soċjali u għall-familji ta' matul il-jum; provvediment iffinanzjat privatament u pubblikament; provvediment ta' qabel l-iskola u ta' qabel il-primarja.

(25) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

B'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea, ir-riżorsi disponibbli u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha:

1. Itejbu l-aċċess għal sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja f'konformità mad-dikjarazzjonijiet stabbiliti fil-"Qafas ta' kwalità għall-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal" ippreżentat fl-Anness ma' din ir-Rakkomandazzjoni u mal-11-il[th] prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2. Jaħdmu biex jiġi żgurat li s-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ikunu aċċessibbli, affordabbli u inklużivi; Tista' tingħata kunsiderazzjoni lil:

   (a) l-analiżi tal-provvista u d-domanda mill-familji sabiex jadattaw aħjar l-offerta ta' servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal għall-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jirrispettaw l-għażla tal-ġenituri;

---

74 Rapport mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-objettivi ta' Barċellona"), COM(2018) 273 final; http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2018/EN/COM-2018-273-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF

75 Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.

76 ISCED 0.1 u ISCED 0.2.

(b) l-analiżi u l-indirizzar tal-ostakli kollha li l-familji jistgħu jiltaqgħu magħhom bħalma huma l-ispejjeż, ostakli relatati mal-faqar, pożizzjoni ġeografika, sigħat ta' ftuħ inflessibbli, ostakli kulturali u lingwistiċi, diskriminazzjoni kif ukoll nuqqas ta' informazzjoni;

(c) l-istabbiliment ta' kuntatt mal-familji kollha u speċjalment il-familji f'sitwazzjoni żvantaġġata sabiex jinfurmawhom dwar il-benefiċċji tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-bini tal-fiduċja fis-servizzi;

(d) li jiġi żgurat li t-tfal kollha jkollhom aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità tajba affordabbli, idealment billi jaħdmu fil-livell xieraq ta' governanza lejn dritt għal post ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità tajba;

(e) li jiġu pprovduti servizzi inklużivi ta' edukazzjoni u ta' kura bikrija tat-tfal, għat-tfal kollha inklużi tfal minn ambjenti differenti, bżonnijiet edukattivi speċjali jew diżabilitajiet, biex tiġi evitata s-segregazzjoni u tiġi inċentivata l-parteċipazzjoni tagħhom irrispettivament mill-istatus tas-suq tax-xogħol tal-ġenituri tagħhom jew ta' dawk li jindukrawhom.

(f) li jiġu appoġġati t-tfal kollha biex jitgħallmu l-lingwa tal-edukazzjoni filwaqt li jilqgħu u jivvalorizzaw l-ilsien nattiv tat-tfal.

3. L-appoġġ għall-professjonalizzazzjoni tal-persunal tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Skont il-livell eżistenti ta' kwalifiki professjonali u kondizzjonijiet tax-xogħol, l-isforzi ta' suċċess jistgħu jinkludu:

(a) li jogħla l-istatus tal-professjoni tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal billi jinħolqu standards professjonali, jiġu allinjati r-rekwiżiti tal-kwalifiki, l-istatus professjonali u prospetti tal-karriera ta' edukaturi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ma' dawk tal-għalliema tal-iskejjel primarji u l-ħolqien ta' mogħdijiet ta' professjonalizzazzjoni għall-persunal bi kwalifika baxxa jew l-ebda kwalifika u mogħdijiet speċifiċi biex jikkwalifikaw l-assistenti;

(b) tittejjeb l-edukazzjoni inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu biex jitqiesu bis-sħiħ il-ħtiġijiet tal-benessri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal, l-iżviluppi soċjali rilevanti u fehim sħiħ tad-drittijiet tat-tfal;

(c) jiġi pprovdut il-ħin għall-persunal għall-iskop ta' attivitajiet professjonali bħar-riflessjoni, l-ippjanar, l-involviment mal-ġenituri u l-kollaborazzjoni ma' professjonisti u kollegi oħra;

(d) li jkun hemm fil-mira li l-persunal jiġi mgħammar bil-kompetenzi biex jirrispondi għall-ħtiġijiet individwali tat-tfal minn ambjenti differenti u bi ħtieġa edukattiva speċjali jew diżabilità, billi l-persunal jitħejja biex jieħu ħsieb diversi gruppi.

4. Jittejjeb l-iżvilupp tal-kurrikuli ta' snin bikrija sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-benessri u edukattivi tat-tfal. L-approċċi li jsostnu l-iżvilupp tal-kurrikulu u l-kompetenzi soċjali, emozzjonali, ta' tagħlim u lingwistiċi tat-tfal jistgħu jinkludu:

(a) li jiġi żgurat bilanċ fil-provvediment ta' benessri u tagħlim soċjo-emozzjonali, li tkun irrikonoxxuta l-importanza tal-logħob, il-kuntatt man-natura, ir-rwol tal-mużika, l-arti u l-attività fiżika;

(b) li titrawwem l-empatija, il-kompassjoni u l-kuxjenza fir-rigward tal-ugwaljanza u d-diversità;

(c) li jiġu offruti opportunitajiet għall-espożizzjoni tal-lingwa bikrija u t-tagħlim permezz ta' attivitajiet tal-logħob; u jiġu kkunsidrati programmi bilingwi bikrija tat-tfal;

(d) li tiġi offruta gwida għall-fornituri dwar l-użu xieraq skont l-età ta' għodod diġitali u teknoloġiji ġodda emerġenti;

(e) li tiġi promossa aktar integrazzjoni tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fil-kontinwità tal-edukazzjoni u l-appoġġ tal-kollaborazzjoni tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tal-persunal tal-iskola primarja u t-tranżizzjoni bla xkiel għal tfal lejn l-iskola primarja.

5. li jiġu promossi monitoraġġ u evalwazzjoni trasparenti u koerenti ta' servizzi ta' edukazzjoni u ta' kura bikrija tat-tfal fil-livelli kollha bil-ħsieb tal-iżvilupp tal-politika. L-approċċi effiċjenti jistgħu jinkludu:

(a) l-użu ta' għodod ta' awtovalutazzjoni, kwestjonarji, linji gwida ta' osservazzjoni bħala parti mill-ġestjoni tal-kwalità fil-livell tas-sistema u s-servizz;

(b) l-użu ta' metodi xierqa u adattati għall-età biex titrawwem il-parteċipazzjoni tat-tfal u jinstemgħu l-fehmiet, it-tħassib u l-ideat tat-tfal u dawn jitqiesu fil-proċess ta' valutazzjoni;

(c) li jiġu implimentati għodod eżistenti biex tittejjeb l-inklużività tal-provvediment tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal bħall-Għodda ta' Awtoriflessjoni tal-Ambjent tat-Tagħlim tal-Edukazzjoni Bikrija tat-Tfal Inklużiva żviluppata mill-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva.

6. Bil-mira li jiġi żgurat finanzjament adegwat u qafas legali għall-provvediment ta' servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal. Tista' tingħata kunsiderazzjoni lil:

(a) iż-żieda fl-investiment fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal b'fokus fuq id-disponibilità, il-kwalità u l-affordabilità, inkluż l-użu tal-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mill-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej;

(b) il-ħolqien u ż-żamma ta' Qafas ta' Kwalità nazzjonali jew reġjonali mfassal apposta;

(c) il-promozzjoni ta' aktar integrazzjoni tas-servizzi għall-familji u t-tfal, l-iktar importanti għas-servizzi soċjali u tas-saħħa;

(d) l-inkorporazzjoni ta' politiki sodi ta' protezzjoni/ħarsien ta' tfal fi ħdan is-sistema tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal biex tgħin għall-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza.

7. Ir-rapport permezz ta' oqfsa u għodod eżistenti dwar l-esperjenzi u progress fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kwalità tal-kura.

B'DAN JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI BIEX:

8. Tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin fost l-Istati Membri fil-kuntest tal-Qafas Strateġiku ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u skemi suċċessuri, kif ukoll fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

9. Tappoġġa l-kooperazzjoni tal-Istati Membri, ibbażata fuq id-domanda tagħhom, billi torganizza tagħlim mill-pari u pariri bejn il-pari.

10. Tappoġġa l-iżvilupp ta’ edukazzjoni u servizzi ta' kura bikrija tat-tfal inklużżiva ta’ kwalità għolja billi jsir disponibbli finanzjament tal-UE, b’mod partikolari fil-qafas tal-programm Erasmus+ u Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej, inkluż Interreg, mingħajr preġudizzju għal negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

11. Tipproponi punti ta’ riferiment jew miri Ewropej aġġornati dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal li jimmiraw għall-provvediment ta’ servizzi, f’konformità possibbilment mal-punt ta’ riferiment ET2020 u l-miri ta’ Barċellona riveduti, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

12. Tirrapporta lill-Kunsill dwar is-segwitu tar-Rakkomandazzjoni b’konformità mal-modalitajiet tal-oqsfa u l-għodod eżistenti.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President